MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Appell Kriminali Numru. 293/2013

**Il-Pulizija**

**v.**

**Louis Arpa**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu provvediment dwar talba li saret mill-appellant sabiex din il-Qorti tissoprassjedi pendenti l-eżitu ta' kawża ċivili bejn l-appellant u martu fejn l-appellant qiegħed jitlob dikjarazzjoni mill-Qorti tal-Familja illi l-ebda manteniment ma huwa dovut lil martu.

**2.** Fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Laferla** deċiż fis-17 ta' Ġunju 1961 intqal hekk dwar is-soprassessjoni:

"Skond il-ġurisprudenza, is-soprassessjoni ma għandhiex tingħata faċilment konċessa: (a) għaliex l-ordni pubbliku, li hu a bażi tal-proċeduri kriminali, jeħtieġ li jiġi stabbilit sollecitament (App. Krim. 'Pul vs Herbert', 30 ta' April

1938, Vol. XXX.iv.550); (b) għaliex, per regola, il-Qorti kompetenti li tiddeċiedi l-kwistjoni prinċipali hi wkoll kompetenti li taqta' l-kwistjonijiet inċidentali li jiġu proposti; (c) u gġaliex il-liġi tgħid li l-azzjoni kriminali hija ndipednenti mill-azzjoni ċivili;

"Sabiex tiġi, għalhekk eċċezzjonalment ordnata s-soprassessjoni, jeħtieġ (a) jew li t-tribunal kriminali, investit bil-kwistjoni prinċipali, ma jkollux elementi biżżejjed biex jiddeċiedi l-eċċezzjoni li fuqha tkun qiegħda tintalab is-soprassessjoni, (b) jew li dak it-tribunal ikun fl-'impossibilita` ġuridika' li jiddeċiedi l-kwistjoni prinċipali qabel ma tinqata' l-kawża l-oħra."

**3.** Fil-każ odjern, il-manteniment pretiż minn mart l-appellant huwa bażat fuq kuntratt ta' separazzjoni ta' l-24 ta' Jannar 2002 fl-atti tan-Nutar Dottor Patrick Critien (a fol. 13 sa 16). Fl-istess kuntratt jingħad illi: "Ir-raġel ikollu d-dritt li jwaqqaf dan il-manteniment f'każ li l-mara tibda tikkoabita ma' raġel ieħor." L-appellant qiegħed jibbaża l-pretenzjoni tiegħu li ma jħallasx manteniment fuq din il-klawżola. Skond l-appellant il-proċeduri odjerni ttieħdu wara diversi snin li kien waqaf iħallas tali manteniment. Huwa fil-fatt diġa` inizja proċeduri quddiem il-Qorti kompetenti fejn qiegħed jitlob dikjarazzjoni illi l-ebda manteniment ma huwa dovut minnu. Huwa ressaq il-provi kollha tiegħu u issa għandha tressaq il-provi tagħha martu. Evidentement huwa ressaq xhieda li ma tressqux quddiem l-ewwel Qorti (talba li kien għamel sabiex iressaq żewġ persuni partikolari ġiet miċħuda minn dik il-Qorti). F'dawn iċ-ċirkostanzi, u wara li rat ukoll l-artikolu 424 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Familja hi f'pożizzjoni aħjar sabiex tiddeċiedi l-eċċezzjoni mqajma mill-appellant, peress illi din il-Qorti m'għandhiex elementi biżżejjed biex tiddeċiedi tali eċċezzjoni. Inoltre huwa fl-interess ta' kulħadd illi jkun hemm eżitu uniku fid-deċiżjoni ta' tali eċċezzjoni.

**4.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tilqa' t-talba sabiex din il-Qorti tissoprassjedi pendenti l-eżitu tal-kawża ċivili pendenti bejn l-appellant u l-mara tiegħu rigwardanti l-kwistjoni tal-manteniment, u tiddifferixxi l-appell *sine die* riappuntabbli permezz ta' rikors ta' kwalunkwe mill-partijiet wara li l-kwistjoni msemmija tiġi definittivament deċiża.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------